# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 t'Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 16**

**Rikors Numru : 1130/2011/JPG**

**Michelina Psaila (K.I. 637362M)**

***Avalon Court, Flat 6, Triq Patri Wistin Borb Marsascala***

**VS**

1. **Franco Muscat (K.I. 451876 M)**

   ***RCF, Triq in-Nevew Zabbar***

2. **Raina Muscat (K.I. 399879M)**

   ***Blokk M, Flat 15, Triq Znuber Santa Lucia***

**Il-Qorti :**

Rat l-att tar-rikors mressaq fit-16 ta'Novembru 2011, li bih u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti

1. *"Illi f'Lulju 2003 l-esponenti flimkien ma' zewgha Emanuel Psaila fethu zewg kontijiet ta' self minghand l-HSBC Bank Malta p.l.c., liema self kien jammonta komplessivament ghal €13,976.24 (Lm6,000). Is-somma intiera mislufa mill-bank giet mghoddija lill-konvenuti, bil-patt illi filwaqt illi l-*

*ewwel €3,494.06 (Lm1,500) kienu qed jithallsu lill-konvenuti a saldu ta' somma pretiza mill-konvenuti minghand l-esponenti u zewgha, il-bilanc ta' €10,482.18 (Lm4,500) kienet qed tigi mislufa lill-konvenuti mill-esponenti u zewgha.*

2. *Illi l-partijiet kienu ftehmu inoltre illi hekk kif l-esponenti u zewgha jkunu hallsu l-ewwel €3,494.06 u l-interessi relattivi fuq l-istess lill-HSBC Bank Malta p.l.c., l-konvenuti kellhom jibdew ihallsu l-pagamenti mensili tal-bank sakemm jithallas il-bilanc tas-self u l-interessi relattivi fuq il-bilanc.*

3. *Illi fit-18 t'April 2005, l-esponenti infirdet legalment minn ma zewgha Emanuel Psaila u skond il-kuntratt ta'separazzjoni legali (Dokument 'D') il-konjugi Psaila awtorizzaw lil xulxin jipprocedu legalment kontra l-konvenuti indipendentement minn xulxin u li fi kwalunkwe kaz ir-rikavat kollu ghandu jkun pagabbli esklussivament lill-mara.*

4. *Illi minhabba li l-konvenuti ma kienux onoraw il-ftehim verbali li kien intlahaq bejn il-partijiet, fis-26 ta'Lulju 2005, intlahaq ftehim bejn il-partijiet skond skrittura annessa u mmarkata bhala Dokument 'A'. L-iskrittura li giet iffirmata mir-rapprezentanti legali tal-partijiet (Dr.Christine Bondin ghall-esponenti u Dr. Michael Grech ghall-konvneuti) kif awtorizzati mill-istess partijiet. Skond l-istess skrittura, il-konvenuti kienu intrabtu li jhallsu is-somma ta' €2,630.81 (Lm 1129.41) sal-31 t'Awwissu 2005.*

5. *Illi l-konvenuti kienu ddikjaraw inoltre illi l-bilanc li kien fadal mal-bank HSBC Malta plc relattiv ghaz-zewg kontijiet ta' self indikanti fl-istess skrittura kienu dovuti minnhom u intrabtu li jkomplu jhallsu l-pagamenti lill-bank sakemm jinqata' d-dejn kollu.*

6. *Illi l-istess zewg kontijiet ta' self gew konsolidati f'kont wiehed f'isem l-attrici.*

7. *Illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu s-somma ta' €2,630.81 sat-terminu indikat.*

8. *Illi sa Gunju tas-sena 2007 il-konvenuti ghamlu il-pagamenti mensili regolarment skond il-ftehim tas-26 ta'Lulju 2005.*

9. *Illi fl-24 ta'Gunju 2007, saret skrittura bejn il-konvenut Raina Muscat u l-esponenti, liema skrittura hija annessa u mmarkata Dokument 'B' fejn sar ftehim illi peress illi l-konvenuta Raina Muscat kienet spiccat minghajr xoghol, l-istess Raina Muscat kellha thallas lil-esponenti kif setghet u hekk kif terga' tibda tahdem jergghu jibdew il-pagamenti fix-xahar u effettivament fuq l-istess skrittura tnizzlu id-dati u l-ammonti tal-pagamenti li kienu qeghdin isiru.*

10. *Illi f'xi zmien wara li giet iffirmata din l-iskrittura minghajr l-gharfien u l-kunsens ta' l-esponenti zdiedu l-kliem 'il ftehim fuq imsemmi' fis-sitt linja ta' l-iskrittura.*

11. *Illi minkejja li l-konvenuta Raina Muscat regghet bdiet thadem regolarment, ma sarux iktar pagamenti.*

12. *Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali (kopja annessa u immarkata Dok C) jhallsu s-somma ta' €2,630.82 dovuta skond l-iskrittura ta' s-26 ta'Lulju 2005, flimkien mas-somma ta' €7,127.79 rapprezentanti pagamenti li ma sarux in parte jew in toto sad-data ta' ittra ufficjali, kif ukoll sabiex jergghu jibdew jaghmlu l-pagmaneti mensili skond il-ftehim tas-26 ta'Lulju 2005, il-konvenuti baqghu inadempjenti.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti togobgha:*

1. *Tordna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' €2,630 dovuta skond il-ftehim tas-26 ta'Lulju 2005.*

2. *Tillikwida somma ekwivalenti ghall-pagamenti kollha li saru mill-attrici lill-HSBC Bank Malta plc in konnessjoni mas-self in kwistjoni minn Awwissu 2005 sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors nieqes kwalunkwe pagamenti li ghamlu l-konvenuti u tordna lill-konvenuti ihallsu din is-somma lill-attrici.*

3. *Tillikwida somma ekwivalenti ghall-bilanc kollu dovut lill-HSBC Bank Malta p.l.c. fuq is-self in kwistjoni, inkluzi kwalunkwe imghaxijiet u spejjez dovuti fuq l-istess kontijiet sad-data tal-pagament effettiv u tordna lill-konvenuti ihallsu lill-esponenti l-istess somma.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti in subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notfikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' Franco Muscat u Raina Muscat tas-19 ta' Dicembru 2011 (a fol. 16 ) li taqra hekk:

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu kollha michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti, stante li ebda ammont ma huwa dovut mill-intimati u dan kif ser jigi spjegat u ppruvat fil-mori tal-kawza;*

2. *Illi kuntrarju ghal dak li qalet ir-rikorrenti ebda ammont ta' self mill-HSBC ma sar biex jiffacilita jew jghin lill-esponenti anzi dak is-self kien intenzjonat unikament ghall-htigijiet fosthom d-djun li kellha r-rikorrenti kif ser jirrizulta mill-provi li ser jigu prodotti waqt is-smiegh tal-kawza;*

3. *Illi l-esponenti joggezzjonaw ghall-veracita tal-kontenut tad-dokument "A" ghaliex dan ma jirriflettiex ir-realta' shiha, u inoltre' gie ffirmat taht ic-cirkostanzi eccezzjonali li minhabba fihom l-esponenti kienu kostretti li jiffirmawh biex ma jibqghux soggetti ghall-mandati ta' sekwestri li*

*ghamlet ir-rikorrenti, u mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-istess rikorrenti.*

4. *Illi dwar id-dokument "B", l-allegazzjoni tar-rikorrenti dwar xi zieda fil-kontenut tieghu minghajr konoxxenza taghha hija ghal kollox minghajr bazi kif ser jirrizulta waqt il-kawza, u inoltre' dan id-dokument fih innifsu huwa xhieda li fir-realta d-Dokument "A" ma jirrispekkjax il-verita tal-fatti tant li gie mwaqqa' mir-rikorrenti u mill-intimata Raina Muscat, u sar arrangament iehor tenut kont ukoll li l-intimata Raina Muscat hija bint ir-rikorrenti;*

5. *Illi filwaqt li ma hemm ebda kontestazzjoni li saru xi pagamenti, dawn saru ghar-ragunijiet specifici u ghaliex dawn baqghu jsiru kif ser jispjegaw l-intimati u l-familjari taghhom;*

6. *Illi dwar l-ammont li qieghed jigi pretiz, anke' dan ma huwiex korrett ghaliex mhux minnu li jekk saru xi pagamenti lill-Bank HSBC dawn saru ghal xi self li sar biex jghinu jew jassistu lill-intimati, u lanqas l-ammont likwidat ma huwiex dovut lir-rikorrenti;*

7. *Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

8. *Illi l-intimati qieghdin jipprevalixxu ruhhom mill-istanza attrici u qed jippromwovu talba rikonvenzjonali (kontro-talba).”*

Rat il-kontro-talba ta’ Franco Muscat tas-19 ta’Dicembru 2011 (a fol. 18 et seq) li taqra hekk:

*“<u>DIKJARAZZJONI TAL-FATTTI</u>*

1. *Illi l-intimati rikonvenuti qeghdin jipprevalixxu ruhhom mid-dritt ghar-rikonvenzjoni b'kontro-talba kontenut fr-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi l-intimati rikonvenjenti u precizament Raina Muscat hija bint Michelina Psaila u mart Franco Muscat, u ghal diversi snin huma kienu jghinu finanzjarjament u b'modi ohra lill-rikorrenti rikonvenuta peress li dina kellha problemi finanzjarji minhabba djun, tant li anke' rahnet id-deheb tal-familja ghand il-Konslu u nies ohra biex ikollha flus sabiex thallas id-djun taghha u anke' problemi matrimonjali li wasslu ghas-separazzjoni ma' zewgha;*

3. *Illi ghal diversi snin l-intimati rikonvenjenti kienu anke' jghinu lill-ulied l-ohra tar-rikorrenti rikonvenuta, liema ghajnuna kienet tinghata peress li r-rikorrenti rikonvenuta ma kienetx taghti kaz uliedha;*

4. *Illi s-self li allegatament ghamlet ir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha ma kienx ghall-intimati rikonvenjenti, izda kien proprju ghaliha biex thallas parti mid-djun li kellha, ghaliex il-kumplament tad-djun kien jithallas mill-intimati rikonvenuti, liema hlasijiet li saru a beneficcju tar-rikorrenti rikonvenuta jammontaw ghal kwazi tlieta u ghoxrin elf EWRO (EUR23,000);*

5. *Illi dan l-ammont ghadu pendenti u dovut lill-intimati rikonvenjenti.*

6. *Illi minkejja li l-intimati rikonvenjenti kienu talbu lir-rikorrenti rikonvenuta thallas l-ammonti dovuti lilhom hija dejjem baqghet iccahhadhom minnhom, u ghalhekk kellha ssir dina l-kontro-talba;*

***<u>Talbiet tal-intimati rikonvenjenti</u>***

*Ghaldaqstant l-intimati rikonvenjenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet hawn premessi u prevja kull dikjarazzjoni opportuna:-*

1. *Tiddeciedi u tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenuta hija debitrici tal-intimati rikonvenjenti f'dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti u ghar-ragunijiet fuq premessi;*

2. *Tillikwida s-somma pagabbli mir-rikorrenti rikonvenuta favur l-intimati rikonvenjenti;*

3. *Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenuta thallas lill-intimati rikonvenjenti s-somma li tigi hekk likwidata inkluz kwalsiasi imghaxijiet u spejjez dovuti fuq l-istess ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1805/2011 prezentat kontestwatment ma' din il-Kontro-Talba u bl-imghax legali skond il-ligi, kontra r-rikorrenti rikonvenuta li minn issa ngunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta ta' Michelina Psaila tad-9 ta' Mejju 2012 ghall-kontro talba ta' Franco Muscat et (a fol. 28 et seq) li taqra hekk:

1. *Illi prelimarjament talbiet kontenuti fil-kontrotalba huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2149 (d) kif ukoll ta' l-Artikolu 2156 (f).*

2. *Illi fit-tieni lok u minghajr pregudzzju ghas-suespost it-talbiet kontenuti fil-kontro talba u kif iccarati fin-nota pprezentata mill-kontro-talba fl-20 ta' April 2012 huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba r-ragunijiet segwenti:*

a. *Illi bin l-attrici Marco twieled fid-19 ta'Ottubru 1980. Wara li ghalaq 16-il sena huwa dejjem kellu impjieg tieghu u huwa baqa' jghix ma' l-attrici sal-gurnata tat-tieg tieghu u cioe 20 ta' Gunju 2009. Illi l-konvenuti rikonvenjenti qatt ma kkontribwew xejn ghall-edukazzjoni u / jew hajja ta' Marco. Inoltre jekk stess hallsu xi ammonti ghal bzonnijiet tieghu huma ghandhom jitolbu l-istess minghand l-istess Marco Psaila u mhux minghand l-attrici.*

b. *Illi bint l-esponenti, Josephine twieldet fi-22 ta' Dicembru 1983. Hija ma kienitx kompliet bl-istudji wara li ghalqet 16-il sena u kienet tahdem mal-*

*VF sas-sena 2007 u ghamlet sentejn qieghda. Tul dawk is-sentejn hija kienet tghix ma' l-attrici, li kienet tipprovdilha ghal bzonnijet kollha taghha, minkejja li ma kellhiex obbligu legali li taghmel dan. Il-konvenuti rikonvenjenti qatt ma kkontribwew lejn l-ispejjez tal-hajja ta' Josephine tul il-perjodu li hija kienet tghix ma' l-attrici u jekk stess taw xi flus jew hallsu xi spejjez ghal bzonnijiet ta' Josephine dawn l-ammonti ghandhom jigu mitluba minghand Josephine Psaila.*

c. *Illi bint l-esponenti Lucienne twieledet fit-22 ta' Marzu 1988. Minkejja li kompliet bl-istudji taghha dejjem hadmet u ghalhekk kellha introjtu taghha. Hija telqet mir-residenza ta' l-attrici madwar tlett snin ilu meta kienet ghalqet 21. sena. Sakemm baqghet tghix ma' l-attrici, kienet l-attrici li baqghet thallas ghall-privatijiet taghha u kwalunkwe spejjez edukattivi u tal-hajja, minkejja li ma kellhiex obbligu legali li taghmel dan.*

d. *Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ulied huma responsabbilita taz-zewg genituri u jekk stess jirrizultaw obbligi versu l-ulied ta' l-esponenti, dawn ghandhom jigu pretzi miz-zewg genituri u mhux minghandha biss.*

e. *Illi in kwantu ghall-ammont mhallas lill-Konslu tad-deheb, jigi rilevat illi l-unika darba li l-attrici qatt rahnet deheb kien madwar ghaxar snin ilu u kienet l-attrici stess li hallset lura l-ammont ta' rahan, minghajr kontribut da parti tal-konvenuti rikonvenjenti.*

f. *Illi hija, mhijiex l-legitimmu kuntradditur in kwantu ghall-hlas lid-Dipartiment ghat-Taxxa Mizjuda u dan peress illi dan Emanuel Psaila kien assuma l-obbligu skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali (kuntratt anness mar-rikors guramentat) iffirmat bejn l-attrici u zewgha Emanuel Psaila. Illi inoltre l-attrici taf li kien proprju Emanuel Psaila li hallas dan il-kont peress illi hija kienet prezenti mieghu meta fil-fatt hallas dan l-ammont.*

g. *Illi hija mhijiex l-legittimu kuntradditur in hwantu ghal hlasijiet fuq l-Ford Escort imsemmija fin-nota tal-konvenuti stante li din il-vettura kienet*

*giet assenjata lil Emanuel Psaila skond il-kuntratt ta' separazzjoni msemmi iktar 'l fuq u l-istess Emanuel Psaila assuma kwalunkwe dejn li jista' jkun hemm fuq l-istess vettura.*

h. *Illi huwa assolutament inveritier illi l-konvenuti qatt ha hallsu kontijiet tal-GO p.l.c li kien dovut mill-attrici u/ jew saldaw xi djun ghan-nom ta'l-attrici.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici rikonvenuta dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-4 ta' Frar 2015 (a fol. 235 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Raina Musat tat-12 ta' Mejju 2015 (a fol. 242 et seq.);

Rat in-nota ta' replika ta' Franco Muscat ghan-nota ta' sottomissjonijiet ta' Michaelina Psaila fuq l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni tas-6 ta' Mejju 2015 ( a fol. 253 et seq.);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda ta'Raina Muscat jirrizulta illi hija u zewgha Franco Muscat ghamlu hlasijiet ghall-edukazzjoni ta' ohtha Lucienne izda mhux ghal hutha Marco u Josephine. Hija xhedet illi ma setghet taghti ebda dettal ghaliex d-dokumentazzjoni kienet kollha f'idejn zewgha Franco Muscat – Vide fol. 46 et seq.

Michelina Psaila a fol. 51A et seq xhedet illi Raina Muscat kienet bintha waqt li Franco Muscat kien ragel tat-tifla taghha. Hija stqarret illi kienet ilha ma tkellem lill-intimati mis-sena 2004. Hija sostniet illi kienet sselfet l-flus mill-bank ghalihom, u meta talbithom jrodduhom lura, ggieldu maghha.

Stqarret illi dak iz-zmien hija kienet qed tissepara minn ma zewgha u kellha bzonn il-flus biex tibda l-proceduri ta' separazzjoni personali. Hija xhedet illi qatt ma kellha licenzja tas-sewqan, li l-karozza Ford Escort kienet ta' zewgha u li fis-separazzjoni konsenswali datata 18 t'April 2005, il-karozza giet assenjata lilu b'djun kollha fuqha. Hija xhedet illi jekk l-intimati qed jippretendu xi hlasijiet fuq il-karozza, kellhom jirrikorru ghand missier l-intimati.

Psaila kompliet tixhed illi hija kienet kriet *flat* fis-sena 2004 li fih kienu marru jghixu Josephine u Lucienne u wara li s-separazzjoni giet finalizzata, Marco inghaqqad maghhom. Mis-sena 2005 sa 2009 Psaila kienet thallas ghal-bzonnijiet kollha taghha u ta' tlett uliedha, cioe; kera, *cable*, dawl u ilma, ikel - "kollox". Hija xhedet illi ma kellha ebda kuntratt mal-intimati. Hija xhedet illi Lucienne, Josephine u Marco telqu mid-dar f'2009 meta kellhom rispettivament wiehed u ghoxrin sena, sebgha u ghoxrin sena u disgha u ghoxrin sena( Vide fol. 51C).

Regward r-rahan tad-deheb taghha, Michelina Psaila xhedet li kienet kostretta tirahan d-deheb taghha u akkwistatu lura billi kien jhallsilha il-*partner* taghha George Bezzina f'2006. Psaila cahdet illi l-intimati qatt hallsu xi kont tal-GO ghaliha. Tinnega li qatt inkarigat lill-intimati biex jhallsu xi kont tal-GO u tafferma li l-intimati lanqas biss kienu jkellmuha.

B'referenza ghat-taxxa dovuta u ghal-VAT Psaila xhedet li zewgha kien hallas dak kollu dovut, xi xahrejn wara s-separazzjoni u kienet akkompanjatu biex jaghmel dan (Vide xhieda a fol. 51D).

Il-Marixxall Charles Cassar a fol. 70A xhed b'referenza ghall-ingunzjoni tal-intimat Muscat.

Joseph Saliba (a fol. 75) Ufficcjal mal-ETC ezebixxa l-*Employment History* ta' Raina Muscat Dok. ETC li jinsab a fol. 77/78, li juri li kienet qed tahdem fil-perjodu relevanti.

Joan Said *Manager* mal-HSBC xhedet fuq *loan accounts* li llum il-gurnata kienu kollha mhallsa, u cioe' Dok JS1 u JS2 u li minkejja li kienu f'isem Michelina u Emanuel Psaila, thallsu kompletament mis-*savings account* ta' Michelina Psaila – Vide xhieda a fol. 79/80.

Franco Muscat a fol. 94 et seq ghamel referenza ghal fol. 26 tal-process u ezebixxa Dok. FM1. Huwa xhed illi kien ta mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250) sabiex l-attrici tibda l-proceduri ta' separazzjoni u kien fadallu jiehu xi elf liri Maltin (Lm1,000) fuq il-karozza JAR 994 li kien biegh lil zewgha. Hu kien qed jippretendi l-hlas mill-attrici ghaliex hija kienet qalet quddiem uliedha, xahrejn wara s-separazzjoni, li kienet ser thallsu – Vide fol. 101.

Franco Muscat xhed illi l-iskrittura tas-26 ta' Lulju 2005 kienet saret sabiex l-attrici tnehhi il-mandati ta' sekwestru.- Muscat xhed illi sad data tal-iskrittura tas-26 ta' Lulju 2005 *"Sa fejn naf jien d-djun kollha li kien hemm kollha hallasthom."* Vide fol. 102. Dan rega gie konfermat. a fol. 103 *"m'ghamiltx pagament."*

Franco Muscat a fol. 104 u 105 xhed illi meta kien qed jirreferi ghal hlasijiet edukattivi dawn kienu ghal privatijiet ta' Lucienne biss u li kienu jirrisalu ghal data qabel d-data ta' separazzjoni. Huwa xhed illi sas-sena 2005 kien jonfoq sebghin Ewro (€70) kull hmistax fuq xirja tal-familja. Franco Muscat xhed illi Marco Josephine u Lucianne regghu marru jghixu maghhom ghal-habta ta'2008-2009.

Muscat xhed illi huwa hallas il-VAT dovut mill-attrici, pero' ma ezebixxa ebda rcevuta relaxxata mid-Dipartiment tal-VAT. Ghar-rigward tal-hlas lil Konslu ghar-rahan tad-deheb, Muscat ,ma kellu ebda rcevuta x'jipproduci: *"Dejjem tajniha l-flus u marret hi."* A fol. 109.

Mistoqsi ghar-rcevuti tal-GO ghall-hlasijiet minnu maghmula ghan-nom ta' Michelina Psaila, Muscat xhed li kien hallas mitejn u ghoxrin liri Maltin (Lm220). Huwa ezebixxa Dok. FM2, 3,4,5.

FM1 hija notamenti ta' Franco Muscat ta' dak li jippretendi li ghandu jiehu; FM2 huwa notament ta' Franco Muscat; FM3 rcevuta ta' Lm250 ghal ftuh tal-proceduri ta' separazzjoni personali ; FM4 turi rcevuta tar-retorn tal-Visa Cards u FM5 tal-atturi mill-intimati.

**L-avukati difensuri tal-partijiet permezz tal-verbal tat-3 ta' Lulju 2014 qabblu li ebda ammont ma gie mhallas mill-intimati ghan-nom tal-attrici, wara s-19 ta' Dicembru 2006 – Vide fol. 211.**

In kontro-ezami Michelina Psaila xhedet illi mis-sena 2000 sa 2004 hija u zewgha Emanuel Psaila kienu jghaddu l-paga intiera taghhom lil Franco Muscat sabiex ihallas ghal bzonnijiet tal-familja. Din kienet decizjoni ta' Emanuel Psaila li kien ha flimkien ma Franco Muscat.

Ghalhekk Muscat kien jhallas il-kontijiet minn flus l-attrici u zewgha u kien ghalhekk li ricevuti jidhru f'ismu.

Xhedet illi dak iz-zmien hija kienet taqla bejn erbghat elef (Lm4,000) u hamest elef liri Maltin (Lm5,000) fis-sena u Franco Muscat kien johdilha l-paga kollha u jtiha *pocket money* ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20) fix-xahar.

Psaila xhedet illi hija kellha taccetta din s-sitwazzjoni ghaliex zewgha kien jsawwatha (a fol. 220). Muscat kellu Visa Card u Cashlink Card taghha mis-sena 2000 sa 25 t'Ottubru 2004 – Vide Dok. FM4. Michelina xhedet illi bintha Lucienne bejn tnax u hmistax –il sena, qatt ma hadet privat; kien biss wara li ghamlet l-*O levels*, u wehlet minn ezami li kellha bzonn il-privat. Dan iz-zmien Lucienne kienet gia tghix maghha (l-attrici). Psaila kkonfermat a fol. 233 li wara s-separazzjoni personali minn ma zewgha, l-intimat Muscat qatt ma hallas xi spejjes ghan-nom taghha.

Id-data tas-separazzjoni personali tal-konjugi Psaila hija dik tat-18 t'April 2005- Vide fol. 8 et seq.

**Ikkonsidrat:**

It-talba attrici hija ghal hlas ta' elfejn sitt mija u tletin Ewro (€2,630) skond il-ftehim tas-26 ta' Lulju 2005 u ghal hlas ta' sebghat elef mija sebgha u ghoxrin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€7,127.79) rapprezentati pagamenti li ghamlet l-attrici lill-HSBC ghal-*loan* tas-somma mislufa lill-intimati u mhux imhallsa skond il-ftehim tas-26 ta' Lulju 2005.

Apparti l-eccezzjonijiet mressqa mill-intimati, l-istess intimati intavolaw kontro-talba ta' tlieta u ghoxrin elf Ewro (€23,000) li l-attrici allegatament ghandha taghti lill-intimati. Ghal tali talba rekonvenzjonali l-attrici eccepiet preskrizzjoni taht l-Artikolu 2149(d) u 2156(f) u li t-talbiet kienu infondati fil-fatt u dritt.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-attrici ghal-kontro-talba tal-intimati.

Il-Qorti tinnota li permezz ta' nota tal-intimati tas-6 ta'Marzu 2012 **a fol. 25** il-pretensjonijiet kontenuti fil-kontro-talba kienu jirreferu ghal spejjez fis-sena 2004 ohrajn fil-2005 u ohrajn matul is-snin aktar ricenti.

Fin-nota tal-20 t'April 2012 **a fol. 26** l-intimati jsostnu li l-hlasijiet saru bejn is-sena 2003 u 2007.

Fit-3 ta' Lulju 2014 l-avukati difensuri qabblu li ebda hlas mill-intimati ma sar wara 19 ta' Dicembru 2006 – vide **fol. 211**.

**L-intimati rikonvenzjonali ma pprezentaw ebda ittra ufficcjali ghall-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf Ewro(€23,000) qabel ma ntavolaw il-kontro-talba fis-19 ta' Dicembru 2011.**

Mill-provi prodotti jirrizulta b'modd lampanti lil din il-Qorti, li l-intimati ma ghamlu ebda hlas ghan-nom tal-attrici wara s-separazzjoni personali bejnha u zewgha. Dan qieghed jinghad mhux biss ghaliex in segwitu tas-separazzjoni l-attrici, u uliedha Josephine, Marco, u Lucienne marru jghixu fil-flat li kritilhom ommhom, l-attrici, dan gie repetut affermat mill-intimat Muscat li jsostni li wara l-iskrittura tas-26 ta'Lulju 2005 *Sa fejn naf jien d-djun kollha li kien hemm kollha hallasthom."* A fol. 102 u 103 Franco Muscat jerga jikkonferma *"m'ghamiltx pagament"*

**Ikkonsidrat:**

Fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati ssollevaw l-inkompatibilita' tal-eccezzjoni tal-inezistenza tad-debitu u l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

***"....Hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dik tal-inezistenza assoluta tal-kreditu jew tal-kompensazzjoni."***

(Vide Volum XXX.i.964; **Raymond Vella vs Moby Rentals Limited** deciza fit-22 ta' Novembru 2001 mill-Qorti tal-Appell;**Guido J. Vella A&CE vs Dr. Emanuel Cefai** deciza mill-Qorti tal-Appell; **K.B Real Estate Limited vs Salvino Felice Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta'Novebru 2009.

In vista li l-attrici ssostni l-inezistenza tal-kreditu, l-Qorti tikkonkludi li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni qed tigi rinunzjata.

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti jirrizulta li Michelina Psaila, mara mizzewga b'erbghat it-tfal, kienet mara msawta minn zewgha li kellu l-vizzju tax-xorb. Kienet mara li hadmet ghal snin twal u li pprovdiet ghal bzonnijiet tal-familja u dana minkejja t-trattament harex ta' zewgha. **Kienet mara bizzejed biex tilqa' f'darha lil bintha mizzewga Raina flimkien ma zewgha l-intimat Franco Muscat**. . Illi meta bintha Raina kienet wasslet ghaz-zwieg, ***"ghax riedet lil bintha ahjar minnha,"*** perswadiet lil zewgha sabiex jiehdu *loan* ta' sittax il-elf Liri Maltin (Lm16,000) sabiex jghinu lil binthom u

r-ragel taghha, b'dan li, wara li l-attrici u zewgha jhallsu l-ewwel elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), l-intimati kellhom jhallsu l-kumplament b'rata mensili flimkien mal-interessi bankarji. Skond is-separazzjoni konsenswali (Dok. D a fol. 8) l-attrici giet awtorizzata tipprocedi separazzjoni kontra l-intimati ghal dan id-debitu u awtorizzata tircievi il-hlas esklussivament – Vide Klawsola V dorso ta' fol. 9.

L-attrici fix-xhieda taghha sostniet illi zewgha kien dahal fi ftehim ma Franco Muscat li l-paga tal-attrici u l-paga tieghu (Emanuel Psaila) tigi amministrata minn Franco Muscat.

L-attrici xhedet illi hija kienet kostretta taccetta dan minhabba swat ta' zewgha u kellha tikkonsenja il-Visa Card u l-Cashlink Card taghha lil Franco Muscat. Dan sehh minn 2000 sal-25 t'Ottubru 2004 meta gew retornati lilha l-istess *cards* mill-intimat Franco Muscat ara ricevuti ezebiti mill-istess Franco Muscat mmarkati FM 4 a fol. 115 u 116. **Dan il-fatt mhux bl-ebda modd kkontestat mill-intimati.**

Hija xhedet illi f'dan iz-zmien hija kienet tahdem regolari, u bl-*overtime* kienet tippercepixxi bejn erbghat elef liri Maltin (Lm4,000) u hamest t'elef liri Maltin (Lm5,000) fis-sena.

**Muscat, minn naha tieghu, kien jghaddi lill-attrici "pocket money" ta' ghoxrin liri Maltin (Lm 20) fix-xahar li minnhom l-attrici kienet kostretta sahhansitra tixtri l-*card* ghal *mobile phone* taghha.**

Ghar-rigward tar-rahan tad-deheb tal-attrici, l-Qorti taghraf illi ebda rcevuta tal-Konslu ma giet prodotta mill-intimati, kif del resto , ebda rcevuta tad-Dipartiment tal-VAT ma giet ezebita u konfermata mill-istess Dipartiment.

Din il-Qorti rat **l-elenku ta' "ricevuti"** prodotti mill-intimat Muscat, rat illi dawn huma kollha fotokopji; li huma sfokati ghall-ahhar b'mod li jew huma indecifribbli l-ammonti jew indecifribbli d-data tar-ricevuti; di piu' ebda xhud li rrelaxxa dawn ricevuti ma kkonferma istess bil-gurament. **Infatti ebda ricevuta prodotta mill-intimati ma tikkostata prova skond il-ligi.**

**Huwa mbaghad inverosimili** ghall-ahhar li Franco Muscat jghid li kien jaghtiha (lill-attrici) il-flus biex thallas dak dovut minnha lil Konslu u lid-Dipartiment tal-VAT – **meta wiehed jirrealizza li l-paga, l-Visa Card u l-Cashlink tal-attrici kienu kollha f'idejn Franco Muscat tul erbgha snin shah ta' skjavitu ekonomiku.**

Apparti dana kollu, dejn tal-karozza t'Emanuel Psaila gie assenjat lill-istess Emanuel Psaila fil-kuntratt ta' separazzjoni personali – vide klawsola 5 tal-kuntratt a fol. 8 dorso. Ghalhekk l-attrici mhijiex il-legittimu kontradittur f'dan ir-rigward.

Din il-Qorti taghraf ukoll illi l-attrici ma rrekonoxxiet ebda dejn **li kien taghha**, rrikonoxxiet dejn li kien ta' zewgha fuq il-karozza.

In oltre jekk in segwitu ta' Dicembru 2006, Lucienne, Marco u Josephine regghu, ghal xi zmien, bdex jghixu mal-intimati, u gew inkorsi xi spejjez, dawn ghandhom jithallsu minnhom, ghaliex kienu adulti ta' 'l fuq min wiehed u ghoxrin sena u kienu jahdmu.

L-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, jsostnu illi l-attrici kienet rrikonoxxiet d-dejn li l-intimati allegatament ghamlu konsistenti f'xirja ta' sebghin Ewro (€70) kull gimghatejn ghal perjodu indikat **a fol. 209**., liema xirjiet tal-familja kienu ammontanti ghal hamest elef tminn mija u sittax-il Ewro u dsatax il centezmi (€5,870.02).

Din il-Qorti ma tistax tikkondividi ma dan l-argument. Apparti l-fatt kif gja ntqal, li l-attrici kienet qed thallas tal-bzonnijiet ta' kulhadd nkluz dawk tal-intimati Raina u Franco Muscat, permezz tal-paga shiha taghha li kienet f'idejn l-istess Muscat, l-attrici fix-xhieda taghha kienet sempliciment qed tikkontesta il-kwantum tal-valur tax-xirja u m'ghamlet ebda rikonixximent ta' xi debitu.

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati u tilqa' t-talbiet attrici u tordna lill-intimati jhallsu s-somma ta' elfejn sitt mija u tletin Ewro (€2,630) dovuti skond il-ftehim tas-26 ta' Lulju 2005 ; tillikwida s-somma ekwivalenti ghal pagamenti kollha li saru mill-attrici lill-HSBC Malta PLC in konnessjoni mas-self in kwistjoni minn Awwissu 2005 sas-16 ta' Novembru 2011

u cioe sebghat elef, mija u sebgha u ghoxrin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€7,127.79); tikundanna lill-intimati jhallsu s-somma hekk likwidata ta' sebghat elef, mija u sebgha u ghoxrin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€7,127.79) bl-imghax minn Awissu 2005 sal-pagament effettiv.

Fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali, tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-attrici rikonvenzjonali, tilqa' t-tieni eccezzjoni taghha; tichad t-talbiet rikonvenzjonali tal-intimati.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk dovuti ghall-kontro-talba huma a karigu tal-intimati.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**